

## II

(Atti mhux leġislattivi)

## DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI (UE) 2017/468 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-26 ta' Jannar 2017

**li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/10 dwar nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti għar-rappurtar tal-istatistika (BĊE/2017/5)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 5.1 u 34.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru 1998, dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 2157/1999 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-23 ta' Settembru 1999 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (BĊE/1999/4) <sup>(3)</sup>,

Billi:

- (1) Il-proċedura għal-ġbir tat-tagħrif fuq ksur u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni BĊE/2010/10 <sup>(4)</sup> instabet li hija għodda effettiva fit-trattazzjoni ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tar-rappurtar statistiku u għalhekk għandha tiġi estiża għall-każijiet ta' nuqqas ta' konformità li jistgħu jirriżultaw skont ir-Regolament (UE) Nru 1333/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/48) <sup>(5)</sup>.
- (2) Għandu jiġi kkjarifikat l-obbligu tal-aġenti li jirrapportaw biex jirrispondu domandi mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-bank ċentrali nazzjonali dwar każijiet possibbli ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tar-rappurtar tagħhom.
- (3) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni BĊE/2010/10 għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 1, Vol. 3, p. 23.

<sup>(2)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 1, Vol. 3, p. 19.

<sup>(3)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 1, Vol. 3, p. 139.

<sup>(4)</sup> Deċiżjoni BĊE/2010/10 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Awwissu 2010 dwar nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti għar-rappurtar tal-istatistika (ĠU L 226, 28.8.2010, p. 48).

<sup>(5)</sup> Regolament (UE) Nru 1333/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Novembru 2014 dwar l-istatistika tas-swieq monetarji (BĊE/2014/48) (ĠU L 359, 16.12.2012, p. 97).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Id-Deċiżjoni BĊE/2010/10 hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (2) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“2. ‘istituzzjoni monetarja finanzjarja’ (IMF) għandha l-istess tifsira kif hemm fil-punt (a) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/33) (\*); u fir-rigward tar-Regolament (UE) Nru 1333/2014 tal-Banek Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/48) (\*\*) għandu jinqara sabiex jinkludi l-friegħi kollha tal-IFM li jinsabu fl-Unjoni Ewropea u tal-EFTA, sakemm ma jiġix pprovdut mod ieħor fi kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta’ dak ir-Regolament;

(\*) Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta’ Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċi tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).

(\*\*) Regolament (UE) Nru 1333/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta’ Novembru 2014 dwar l-istatistika tas-swieq monetarji (BĊE/2014/48) (ĠU L 359, 16.12.2012, p. 97).”;

(b) il-punt (6) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“6. ‘skadenza tal-BĊN’ tfisser id-data stabbilita minn kull BĊN sabiex jirċievi dejta mingħand l-aġenti li jirrapportaw.”

(c) Għandu jiddaħħal l-Kapitolu 10 li ġej:

“10. ‘fergħa’ tfisser post tan-negozju li jifforma parti legalment dipendenti ta’ istituzzjoni u li twettaq b’mod dirett it-tranżazzjonijiet kollha jew uħud minnhom inerenti fin-negozju ta’ istituzzjonijiet;”

(d) għandu jiddaħħal il-punt 11 li ġej:

“11. ‘fergħa li tinsab fl-Unjoni u l-EFTA’ tfisser fergħa li tinsab u hija rreġistrata fi Stat Membru tal-Unjoni jew f’pajjiż tal-EFTA.”;

2. L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-BĊE u l-BĊNi għandhom jimmonitorjaw il-konformità tal-aġenti li jirrapportaw mal-istandards minimi meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi ta’ rapportar tagħhom, kif stipulat fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/2013), l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34) (\*) l-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38), l-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1074/2013 (BĊE/2013/39), l-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (ECB/2013/40) u l-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1333/2013 (BĊE/2014/48). F’każ ta’ nuqqas ta’ konformità, il-BĊE u l-BĊN kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jwettqu fażi ta’ valutazzjoni u/jew jibdew proċedura ta’ ksur kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) u (2). Wara proċedura ta’ ksur, il-BĊE jista’ jimponi sanzjonijiet skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98.

(\*) Regolament (UE) Nru 1072/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta’ Settembru 2013 dwar statistika fuq rati ta’ imgħax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/34) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 51).”;

(b) il-paragrafu 3 li ġej huwa miżjud:

“3. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-BĊE li jimponi sanzjonijiet bis-saħħa tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 2533/98.”;

3. fl-Artikolu 3(1), il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“(a) il-BĊE jew il-BĊN kompetenti jista', fejn ikun irreġistrata nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tar-rappurtar, jagħti twissija lill-aġent li jirrapporta kkonċernat biex jinfurmah dwar in-natura tan-nuqqas ta' konformità rreġistrata, u jirrakkomanda miżuri korrettivi li għandhom jittieħdu sabiex tiġi evitata ripetizzjoni tan-nonkonformità.”;

4. fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 huwa mibdul b'li ġej:

“2. F'każ ta' ksur marbut mat-tempenstività, is-serjetà tal-ksur għandha tiddependi fuq in-numru ta' jiem ta' xogħol jew sigħat ta' dewmien fil-konfront tal-iskadenza tal-BĊN jew tal-iskadenza tal-BĊN.”

5. l-Artikolu 4a li ġej huwa mdaħħal:

“Artikolu 4a

#### **Risposti għad-domandi**

L-aġenti li jirrapportaw għandhom jirrispondu domandi li jirrigwardaw każijiet possibbli ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tar-rappurtar tal-istatistika fil-perjodu ta' żmien li jistabbilixxi l-BĊE jew il-BĊN rilevanti.”.

*Artikolu 2*

#### **Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 2017. Għandha tapplika mill-perjodu ta' referenza tal-31 ta' Marzu 2017 għar-rekwiżiti tar-rappurtar ta' kuljum, mill-perjodu ta' referenza ta' Marzu 2017 għal rekwiżiti ta' rappurtar ta' kull xahar u annwali, u mill-ewwel trimestru tal-2017 għar-rekwiżiti tar-rappurtar trimestrali.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-26 ta' Jannar 2017.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

---